MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 313/2012

**Albert Gauci**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **Albert Gauci** fl-24 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti huwa debitament liċenzjat u awtorizzat li jwettaq testijiet biex jiċċertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba għat-triq (minn hawn 'l isfel imsejħin "test tal-VRT").*

*Illi fil-kors ta' l-eżerċizzju ta' din l-attivita', u preċiżament fis-17 ta' Settembru 2012, l-esponenti wettaq test tal-VRT fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAH062.*

*Illi fil-25 ta' Settembru 2012, uffiċċjali ta' l-Awtorita' intimata wettqu ispezzjoni fuq il-vettura imsemmija, liema ispezzjoni hija komunement imsejħa "post VRT inspection".*

*Illi l-imsemmija uffiċċjali allegaw li sabu nuqqasijiet fil-vettura in kwistjoni, u konsegwentement allegaw li l-esponenti ma eżegwiex it-test tal-VRT fuq din il-vettura skont il-liġi.*

*Illi b'deċiżjoni datata 5 ta' Ottubru 2012, u notifikata lill-esponenti fid-9 ta' Ottubru 2012, l-Awtorita' intimata għarrfet lill-esponenti li huwa kien qed jiġi penalizzat 135 punti, ai termini tal-partiti 15, 19, 20, 28 u 36 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviż Legali 126 ta' l-1998, kif sussegwentement emendat.*

*Illi l-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni, u għalhekk qed jinterponi umli appell minnha.*

*Illi l-ewwel aggravju ta' l-esponenti huma ċar u manifest, in kwantu d-deċiżjoni appellata tippekka kontra kull prinċipju ta' ġustizzja naturali, u għalhekk għandha tiġi ritenuta nulla u mingħajr effett.*

*Illi l-esponenti umilment jirrileva illi fl-għoti tad-deċiżjoni appellata, l-Awtorita' intimata la tagħtu l-opportunita' li jressaq il-każ tiegħu u lanqas ma tagħtu l-opportunita' li jifli u jixtarr dawk l-elementi li abbażi tagħhom l-Awtorita' appellata ħadet l-istess deċiżjoni, u dan bi ksur lampanti tal-prinċipju audi alteram partem.*

*Illi ġie fil-fatt deċiż li anke fejn persuna tingħata l-opportunita' li tressaq il-każ tagħha, iżda tiġi mċaħħda mill-opportunita' li tikkontrolla jew tiskrutinja l-każ li jkun tressaq kontra tagħha, hemm ksur tal-prinċipju tas-smiegħ xieraq. "Illi t-tielet aggravju huwa fis-sens li l-appellanti ma ingħatatx opportunita' li tara x-xhieda li inġabu kontra tagħha, u wisq inqas li tkun preżenti għall-istess, li b'xi mod tikkontrolla l-istess, inkluż li tagħmel kontro-eżami ta' l-istess. Jidher li l-parteċipazzjoni tagħha kienet limitata sabiex tagħti l-versjoni tagħha. Fil-fatt fir-rikors tal-appell l-appellanti tgħid li hija ġiet informata biss li kellha każ kontra tagħha permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju 2009, u li kienet ser issir seduta u kellha dritt li tixhed u ġġib provi favur tagħha, iżda qatt ma ġiet informata li kien hemm*

*xi provi jew xhieda oħrajn, u wisq inqas is-sustanza tal-istess xhieda. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li dan b'xi mod huwa kontestat u fil-fatt l-unika ħaġa li hemm hija r-risposta tal-intimat li tgħid li l-appellanti ma ġabet l-ebda prova in difiża tagħha stess, iżda dan ċertament ma jindirizzax il-lamentela tal-appellanti, li hija fl-ebda mument ma kienet informata xi provi jew xhieda kienu ġew imressqa quddiem il-Kunsill fil-każ tagħha, u dan allura jpoġġieha f'posizzjoni ta' żvantaġġ, għaliex litteralment, ma setgħatx lanqas tirreaġixxi għal dak li seta` ġie provdut fil-konfront tagħha. Dan huwa nuqqas serjissimu u ma jirriżultax mill-atti esebiti quddiem din il-Qorti, li hemm xi minuti jew dokumenti li juru x-xhieda jew provi li tressqu quddiem il-Kunsill, u fil-fatt din il-Qorti stess ma setgħatx tara xi provi dawn kienu li l-Kunsill mexa fuqhom, apparti diversi dokumenti esebiti, li ma jidhirx li kienu għad-disposizzjoni tal-appellant, jew li hija ġiet waqt il-proċeduri a konjizzjoni tagħhom. Fil-fatt għalkemm ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tirreferi li r-rakkomandazzjoni minnu saru "after hearing the evidence produced…." ma jirriżultax għal liema evidenza jew xhieda l-istess Kunsill qed jirreferi. Dan huwa nuqqas serju għaliex bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-appellanti kellha smigħ xieraq"*[1]*. L-esponenti umilment isostni li jekk ġie deċiż li anke fejn persuna jkun ingħatat l-opportunita' li tagħti l-verżjoni tagħha in propria difesa ma ġiex ritenut suffiċjenti sabiex ikun hemm konformita' mal-prinċipju ta' smiegħ xieraq, multo magis allura jkun hemm nuqqas ta' konformita' ma' dan il-prinċipju fejn lanqas dik l-opportunita' ma tkun ġiet konċessa.*

*Illi b'żieda mas-suespost, u mingħajr preġudizzju għall-istess, l-esponenti umilment isostni wkoll li d-deċiżjoni appellata hija wkoll nulla għaliex tikkozza mal-prinċipju nemo judex in causa propria. Dan in kwantu fl-għoti tad-deċiżjoni appellata, l-Awtorita' intimata għamlitha ta' investigatur, prosekutur u mħallef, u din m'hijiex prattika konsentita fl-ordinament ġuridiku tagħna.*

*Illi l-esponenti jieħu sostenn dwar dan l-aspett ta' l-aggravju tiegħu mid-deċiżjoni mogħtija fil-kawża* ***Smash Communications Limited vs. L-Awtorita' tax-Xandir et***[2]*, fejn intqal is-segwenti: "Illi din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni u li għamlet il-Perit Legali f'dan ir-rigward fis-sens li huwa minnu li l-Liġi tax-Xandir tagħmel separazzjoni bejn il-Kap Eżekuttiv li joħroġ l-akkuża, u l-Awtorita' tax-Xandir li tiddeċiediha. Huwa wkoll minnu illi l-Kap Eżekuttiv ma jieħux parti fid-deliberazzjonijiet u fid-deċiżjonijiet ta' l-Awtorita' tax-Xandir, u fil-fatt lanqas għandu vot. Madanakollu, din id-distinzjoni ma jidhrix li hija suffiċjenti sabiex jiġi rispettat il-prinċipju "nemo iudex in causa propria". Dan għaliex, apparti l-fatt illi, legalment il-Kap Eżekuttiv huwa d-delegat ta' l-Awtorita' tax-Xandir* ***(artikolu 5 u 7 ta' l-Att Dwar ix-Xandir),*** *fil-prattika hemm ħafna interazzjoni u komunikazzjoni bejn iż-żewġ konvenuti f'din il-kawża. Effettivament, il-prosekutur u l-ġudikant fil-każijiet dixxiplinarji in eżami, jaġixxu mill-istess uffiċini, bl-istess impjegati u b'komunikazzjoni interna bejniethom. Saħansitra l-Kap Eżekuttiv, ossia l- Prosekutur, huwa mħallas mill-istess Awtorita' tax-Xandir, ossia l-ġudikant! Jekk wieħed jittrasponi din is-sitwazzjoni fil-Qrati ordinarji, ikollu sitwazzjoni fejn l-iSpettur iressaq l-akkuża, u l-Kummissarju jkun il-ġudikant! jew l-Imħallef jiddeċiedi kawża mressqa mill-Assistent Ġudizzjarju illi jaħdem fl-istess uffiċju tiegħu u bl-istess infrastruttura. Ħaġa illi ċertament mhix desiderabbli fejn il-ġustizzja mhux biss jeħtieġ illi ssir, iżda trid ukoll tidher li qiegħda ssir (fol 52*

[1] **Josette Scerri vs. Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja** (Appell Inferjuri, 17/11/2011)
[2] Prim'Awla 7/2/2012 (appellata)

*u 53 tal-proċess) ... ... Illi għalhekk indipendentement għal dak li jiġri jew jista' jiġri fil-prattika, jidher li s-sistema kif inhi llum hija tali li tikser il-prinċipju ta' nemo iudex in causa propria".*

*Illi fil-każ odjern, lanqas ma jidher li hemm xi distinzjoni fi ħdan l-Awtorita' intimata dwar min jinvestiga l-każ, min jagħmel l-akkuża u min jiddeċidieha, u għalhekk l-insenjament hawn fuq espost għandu japplika a fortiori.*

*Illi għalhekk id-deċiżjoni appellata hija nulla u għandha tiġi mħassra.*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni aggravju ta' l-esponenti wkoll huwa ċar u manifest, in kwantu l-esponenti wettaq it-test tal-VRT skont il-liġi, u allura m'hemmx lok li jiġu mposti penali fuqu.*

*Illi kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, fil-mument li l-esponenti wettaq it-test tal-VRT fuq il-vettura in kwistjoni, din il-vettura ma kellhiex id-difetti riskontrati, u kien għalhekk li l-esponenti ħareġ iċ-ċertifikat relattiv. Naturalment l-esponenti ma jistax jiġi kkunsidrat responsabbli għal dak li seta' ġara lill-imsemmija vettura mill-mument li twettaq it-test tal-VRT fuqha sakemm saret il-post VRT inspection. L-esponenti ma kiser l-ebda kondizzjoni tal-liċenzja tiegħu, bil-konsegwenza li m'hemmx lok għall-impożizzjoni ta' penali.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponenti umilment jitlob lil dan ir-rispettabbli Tribunal jogħġbu jilqa' dan l-umli appell u jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' intimata fil-ħamsa (5) t'Ottubru 2012 fil-konfront ta' l-esponenti, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorita' intimata."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fid-19 ta' Novembru 2012 fejn gie eccepit is-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi malli l-Awtorita` intimata ġiet a konoxxenza tal-fatti miġjuba quddiemha wara li saret spezzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAH-062 hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-liġi relattiva.*
2. *Illi in linea preliminari, dan it-Tribunal m'għandux il-kompetenza rationae materiae sabiex jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-attur stante illi*

*din il-materja ma taqax taħt il-kompetenzi tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif imfissra f' Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi l-liġi in kwistjoni, jiġifieri Avviż Legali 43 tal-2008 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 hija tassattiva u ladarba persuna tikser il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi, l-Awtorita` intimata għandha idejha marbutin bil-liġi peress illi l-liġi timponi fuqha illi tali persuna għandha tingħata punti ta' penalita` u tħallas il-multi amministrattivi korrispondenti. Kuntrarjament għal dak erronjament sottomess mir-rikorrenti, l-impożizzjoni ta' punti ta' penalita` wara ispezzjonijiet u indaġnijiet mwettqa sewwa u b'reqqa hija s-sanzjoni amministrattiva prevista mir-regolamenti ġja ċitati u li fiha innifsiha ma hijiex proċess ġudizzjarju iżda l-qadi tal-obbligi u d-doveri mistennija mill-Awtorita` intimata skond il-liġi.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir ta' l-Awtorita` intimata huwa ġust, legali u għandu jiġi ikkonfermat u konsegwentement l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjez.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent,[3] ta' Ritianne Gauci,[4] ta' Lino Abela, [5] u ta' Noel Buhagiar;[6]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lill-partijiet jitrattaw ir-rikors;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

[3] A fol. 30 sa 35
[4] A fol. 46 sa 48
[5] A fol. 49 sa 52 u 54 sa 58
[6] A fol. 67 sa 70

Illi r-rikorrenti ipproceda b'dan ir-rikors stante li hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata mibghuta lilu fil-5 ta' Ottubru 2012 li kienet tghid hekk:

*"Please be advised that on the 25th September 2012 the Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the above mentioned vehicle. The VRT test was conducted on the 17th September 2012 at your station and issued a pass certificate. No C781810 on the said vehicle.*

*The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection.*

- *Both rear and front right tyre were found to be worn out beyond the minimum permitted thread dept.*
- *Both wipers worn out.*
- *Windscreen washers inoperative.*
- *Left headlamp dipped beam not working.*
- *Steering drag link ball joint loose, corroded and dust cover torn.*

*Please be informed that according to Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 15, 19, 20, 28, 36 as a VRT tester Licence No LTD/38/98/40, you are therefore being penalized the total points of 135 points.*

*May we also draw your attention to your right of appeal from this decision in terms of Part VI of the same regulations."*[7]

Illi t-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-ewwel aggravju tar-rikorrenti u cioe l-lanzjanza tieghu illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata tippekka in kwantu ma tissodisfax il-principji tal-gustizzja naturali, principalment il-principji tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo iudex in causa propria.* Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata teccepixxi li dan it-Tribunal mhux kompetenti *rationae materiae* biex jiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju stante illi din il-materja ma

[7] Dok A a fol. 6 tal-process

hix wahda mill-kompetenzi ta' dan it-Tribunal kif imfissra fil-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif intqal tajjeb minn dan it-Tribunal, diversament presejdut, fid-decizjoni **Charles Mercieca vs Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta[8]:**

*"L-iskop ta' proceduri ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi huwa li jigi kkunsidrat u determinat jekk l-att amministrattiv kontestat huwiex legali, fis-sens li l-awtorita` pubblika koncernata tkun agixxiet entro l-parametri tal-Ligi u l-ezercizzju tal-poteri u konsegwenti qadi tad-doveri taghha fil-konfront tac-cittadin privat jkun sehh in konformita` mal-principji tar-rule of law u tal-gustizzja naturali: the system of judicial review is radically different from the system of appeals. When hearing an appeal the court is concerned with the merits of a decision: is it correct? When subjecting some administrative act or order to judicial review, the court is concerned with its legality: is it within the limits of the powers granted? On appeal the question is "right or wrong?" On review the question is "lawful or unlawful?"… Judicial review is thus a fundamental mechanism for keeping public authorities within due bounds and for upholding the rule of law. Instead of substituting its own decision for that of some other body, as happens when on appeal, the court on review is concerned only with the question whether the act or order under attack should be allowed to stand or not. … Judicial control, therefore, primarily means review, and is based on a fundamental principle, inherent throughout the legal system, that powers can be validly exercised only within their true limits. The doctrines by which those limits are ascertained and enforced form the very marrow of administrative law.*

*But there are many situations in which the courts interpret Acts of Parliament as authorising only action which is reasonable or which has some particular purpose, so that its merits determine its legality. Sometimes the Act itself will expressly limit the power in this way, but even if it does not it is common for the court to infer that some limitation is intended. The judges have been deeply drawn into this area, so that their own opinion of the reasonableness or motive of some government action may be the factor which determines whether or not it is to be condemned on judicial review. … It is a cardinal axiom that every power has legal limits. If the court finds that the power has been exercised oppressively, or if there has been some procedural failing, such as not allowing a person affected to put forward his case, the act may be condemned as unlawful.*

*Minn dan isegwi ghalhekk illi dak li qieghed taht skrutinju fi proceduri ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi huwa l-operat ta' l-awtorità pubblika u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jillimita ruhu li jikkonsidra biss il-pregudizzju li c-cittadin privat jikkontendi li sofra, qed isofri jew jista' jsofri minhabba l-att amministrattiv kontestat, izda necessarjament ghandu jara jekk, minkejja c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dak l-att amministrattiv huwiex legali jew le u dana fis-sens iktar 'l fuq*

[8] Deciza fid-29 ta' Mejju 2012

*spiegat, u jekk jirrizulta li huwa legali u konformi mal-principji tar-rule of law u tal-gustizzja naturali dak l-att amministrattiv ma ghandux jigi revokat jew varjat."*

Illi fil-kaz in ezami, r-rikorrenti qieghed jishaq li gew lezi l-principji tal-gustizzja naturali ghaliex l-Awtorita` intimata ma taghtux la opportunita` li jressaq il-kaz tieghu u lanqas li jifli u jixtarr dawk l-elementi li abbazi taghhom ittiehdet id-decizjoni kontra tieghu. Jghid ukoll illi l-istess decizjoni hi nulla ghaliex l-Awtorita` intimata ghamlitha ta' investgatur, prosekutur u mhallef fl-istess hin.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm permezz tal-avviz kontestat l-Awtorita` intimata imponiet il-punti ta' penalita`, din id-decizjoni ma kinitx wahda finali in kwantu r-rikorrenti gie mgharraf bid-dritt tieghu li jappella quddiem dan it-Tribunal, kif fil-fatt sar, liema Tribunal huwa wiehed indipendenti u imparzjali u fejn ir-rikorrenti inghata l-opportunita` kollha li jressaq ix-xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet kollha li jidhirlu opportuni. It-Tribunal jirrileva wkoll illi l-effetti tad-decizjoni appellata jinsabu sospizi pendenti l-ezitu ta' dan l-appell u ghalhekk id-decizjoni tal-istess Awtorita` ma saritx wahda finali. Ghaldaqstant jirrizulta li qabel ma' l-penali inflitta mill-Awtorita intimata ssir finali u ezekuttiva r-rikorrenti inghata d-dritt li jressaq il-kaz tieghu quddiem Tribunal gudizzjarju indipendenti u imparzjali. Dan kollu a differenza tal-kaz citat mill-abbli difensur tar-rikorrent u cioe **Paul Cassar kif ezercenti fin-negozju bhala "Cassar Service Station" vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta** deciz mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 2013, liema kaz sehh meta kienu ghadhom ma dahalux *in vigore* d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva, liema disposizzjoniet taw l-opportunita` lil kull min ihossu aggravat b'att amministrattiv li jirrikorri quddiem dan it-Tribunal biex jirrevdi l-istess att. Kif ukoll, fil-kaz citat, l-Awtorita` intimata kienet gibdet lir-rikorrent is-somma ta' Lm5000 bhala penali konsegwenza tal-avviz li kienet bghatitlu u dan minn garanzija li kien pogga hu stess favur l-istess Awtorita` skond Ftehim Kollettiv. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju qieghed jigu michud.

Illi t-Tribunal sejjer issa jghaddi biex jinvesti t-tieni aggravju tar-rikorrent u cioe dwar jekk il-VRT test sarx kif suppost jew le.

Fix-xhieda tieghu **ir-rikorrent** spjega kif isir test tal-VRT minn x'hin tidhol vettura fil-*VRT station* sakemm johrog ir-rizultat finali. Spjega wkoll illi huwa jahdem ukoll bhala mekkanik u ghandu garage biswit il-*VRT station*. Fir-rigward tal-vettura in kwistjoni spjega illi huwa kien iccekkja kollox u li l-vettura kienet ghaddiet mit-test.

Il-mara tar-rikorrent, **Ritianne Gauci**, spjegat kif hija tassisti lil zewgha fil-VRT u li fil-kaz tal-vettura in ezami sarulha l-ezamijiet kollha necessarji, inkluz li ttellghet fuq *jack* biex tigi iccekkjata minn taht.

**Lino Abela**, spettur mal-Awtorita` intimata, spjega kif huwa u l-kollega tieghu Noel Buhagiar, kien ghamlu *post VRT,* liema test kien jikkonsisti f'***visual test*** fuq il-vettura in kwistjoni u sabu n-nuqqasijiet elenkati fl-ittra mibghuta lir-rikorrent fil-5 ta' Ottubru 2012 u esebita bhala Dok A a fol. 6 tal-process. Jispjega li meta rriskontraw dawn in-nuqqasijiet huma kienu regghu baghtu lil sid il-vettura fil-garaxx fejn sar il-VRT fejn gew irrangati d-difetti riskontrati.

Illi fil-kors tax-xhieda tieghu Lino Abela esebixxa estratt mill-*M.O.T. Inspection Manual* li kemm l-operaturi tal-*VRT Stations* u kif ukoll l-ispetturi tal-Awtorita` intimata jimxu fuqu rigward *standards* li ghandu jkollhom il-vetturi sabiex jigu certifikati bhala *road worthy*. Ix-xhud xehed dwar kull nuqqas li rriskontra u cioe:-

a. Fir-rigward tal-***windscreen washers*** stqarr li ma kienx tiela' ilma pero qal ukoll illi huma ma jiccekkjawx xi tkun ir-raguni tal-*fault*. F'dan il-kaz huma ma ccekkjawx kienx hemm ilma fil-pompa.

b. Fir-rigward tal-***windscreen blades*** stqarr li dawn kienu mqattghin. Mistoqsi jekk ippruvax jitfa' ilma fuq il-*windscreen* biex jara jekk l-istess *blades*

jiffunzjonawx huwa stqarr li ma kienx tefa' ilma u lanqas ipprova jhaddihomhom. Pero stqarr li *wipers* imqattghin kienu wahda mir-ragunijiet ghaliex vettura ma tghaddix mit-test tal-VRT.

c. Fir-rigward tat-***tyres*** huwa stqarr li dawn ma kellhomx *grooves* xi tkejjel tant kemm kienu catti u ghalhekk ma gewx imkejjla.

d. Fir-rigward tal-***steering***, mill-estratt tal-*manual* esebit a fol. 59 jirrizulta li jekk ikun hemm *"a loose trak rod or drag link end"* il-vettura ma tghaddix mill-VRT.

e. Fir-rigward tal-***headlamps***, skond l-istess *manual* din tkun difettuza jekk ma tkunx qed tahdem jew ikollha hsara eccessiva.

Ix-xhud **Noel Buhagiar** jispjega illi huwa kien prezenti ghall-*post VRT* fuq il-vettura in kwistjoni. Jistqarr illi fir-rigward tat-*tyres* dawn iccekkjahom billi messhom bil-ponta tal-biro li hija inqas mit-*thread*. Fir-rigward tal-ilma tal-*windscreen* jghid li meta mar biex ihaddem is-*switch* ma hadem xejn pero jghid li ccekkja jekk kienx fih ilma u fil-fatt ma kienx fih. Mistoqsi mit-Tribunal kif seta' jikkonkludi li l-pompa tal-ilma kienet bil-hsara ladarba ma kienx hemm ilma, ix-xhud stqarr li kkonkluda hekk ghax meta ghafas is-*switch* ma hadem xejn. Spjega wkoll illi huma ma kinux ghollew il-vettura biex jarawha minn taht. Fir-rigward tal-*wipers* qal li l-*blade* taghhom kienet maqtugha. Illi fuq dawn ir-rizultanzi inharget id-decizjoni tal-Awtorita` intimata fejn ir-rikorrent gie penalizzat b'total ta' 135 punt.

Illi dan it-Tribunal jinnota illi l-*VRT* test gewwa l-garage tar-rikorrent sar fis-17 ta' Settembru tal-2012 filwaqt li l-ispezzjoni ta' wara l-*VRT* mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata saret fil-25 ta' Settembru 2012. Illi din l-ispezzjoni ta' wara l-*VRT* kienet rizultat ta' *random check*. It-Tribunal ma jistghax ma jinnotax illi

ghalhekk kienu **ghaddew cirka tmint ijiem minn meta l-vettura sarilha l-*VRT* mir-rikorrent**. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi, fejn hu possibbli, *post VRT* ghandu jsir kemm jista' jkun vicin il-*VRT* li jkun sar ghand l-operatur ta' *VRT station.* Dan qieghed jinghad biex tigi skartata kwalunkwe incertezza dwar x'seta' gara fil-perjodu minn meta vettura tkun giet sottoposta ghall-*VRT* u l-*post VRT.*

Illi t-Tribunal ma jistghax ma jinnotax ukoll illi z-zewg spetturi li ghamlu l-*post VRT* ma qablux fix-xhieda taghhom f'certu partikolaritajiet. Perezempju ma qablux kif iccekkjaw it-*tyres* u lanqas qablu meta mistoqsija jekk iccekkjawx kienx hemm ilma fil-pompa. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-estratt tal-*MOT Inspection Manual* fejn fir-rigward tat-*tyres* dan jispecifika illi:

*"The grooves of the tread pattern are not at least 1.6mm throughout a continuous band comprising:*

- *The central three-quarters of the breadth of tread, and*
- *Round the entire outer circumference of the tyre.*

*Note: Each side of the central band of the tyre can be devoid of tread (i.e. "bald") and still meet the pass standard."*[9]

F'dan ir-rigward, filwaqt li Lino Abela stqarr li tant kienu catti li ma kienx hemm ghalfejn jigu mkejjla, Noel Buhagiar stqarr illi huwa kejjel bil-ponta tal-*biro.*

Fir-rigward tal-*wipers* u l-*washers* l-istess manwal jistipula illi jkun hemm *fail* jekk:

*"2. A wiper blade insecure, missing, or in such a condition that it does not clear the windscreen effectively to give the driver an adequate view of the road (through the windsreen) to the left and right sides of the vehicle, as well as to the front.*

*3. The windscreen washers do not provide enough liquid to clear the windscreen in conjunction with the wiper (s)"*[10]

[9] A fol. 60

F'dan ir-rigward Lino Abela xehed li ma kienxipprova jhaddem l-istess *wipers*, filwaqt li Noel Buhagiar xehed li pprova jhaddem is-*switch* pero dan ma hadimx.

Illi dan it-Tribunal jirrileva ukoll illi fit-tmint ijiem li kien ilu li sar il-VRT fuq il-vettura in kwistjoni setghet grat kwalunkwe cirkostanza li rrendiet il-*headlamp beam* ma jibqghax jiffunzjona. U kien proprju ghalhekk is-suggeriment li sar iktar 'il fuq minn dan it-Tribunal li, sa fejn hu possibbli, dawn ir-*random checks* isiru tempestivament.

Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-*steering,* apparti l-fatt li l-metodu ta' spezzjonar uzat mill-ispetturi tal-Awtorita` ma jimxix mal-metodu elenkat fl-*MOT Inspection Manual* stante li sar biss *visual check* u l-vettura ma thaddimtx kif hemm stipulat fl-istess manwal u cioe:

*"**Method of Inspection***

***B. Play Under Load***

*1. With the front road wheels on the ground ask the assistant to rock the steering wheel in both directions firmly against resistance, examine the complete steering mechanism."*[11]

Illi ghalhekk, it-Tribunal ma jistghax ma jurix it-thassib tieghu kif sar dan il-*post VRT* u kif possibilment qeghdin isiru *post VRTs* ohra. Jekk l-Awtorita` intimata tesigi mill-operaturi ta' VRT stations certu livell ta' serjeta` ma tistghax imbaghad hi stess tikkonduci l-*post VRT* b'mod li ma jilhaqx l-i*standards* imposti fuq l-operaturi. Jekk vettura trid tigi mghollija biex tigi ccekkjata sew minn taht, ma jistghux l-ispetturi tal-VRT jaghtuha titwila huma u jaslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom, anke jekk dawn jistghu ikunu validi. Il-metodi uzati mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata meta jikkonducu *post VRT* iridu jkunu tal-

---

[10] A fol. 61
[11] A fol. 59

istess livell impost fuq l-operaturi u dan sabiex dan it-Tribunal ikun jista' serenement jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar in-nuqqasijiet allegati mill-istess Awtorita`.

Illi fil-kaz in ezami, dan it-Tribunal, lanqas certezza kif sar it-*test* ma ghandu stante li fuq zewg aspetti u cioe fuq it-*tyres* u fuq l-ilma tal-pompa, l-ispetturi tal-Awtorita` intimata taw verzjoni differenti. Illi l-Awtorita` intimata trid tifhem illi r-rizultanzi li jemergu minn *post VRT* ghandhom konsegwenzi serji hafna ghall-operaturi tal-VRT *stations*, li jistghu iwasslu ghal telfien tal-licenzja. Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata trid tkun attrezzata daqs l-istess VRT Stations u l-ispetturi taghha ghandhom jikkonducu l-*post VRT* bl-ikbar serjeta` ghaliex dak li jirrizultalhom se jittraduci ruhu f'penalitajiet li jistghu iwasslu, kif gia inghad, biex tintilef il-licenzja ta' operatur ta' *VRT station* u sahansitra anke, jista' jkun il-kaz, ta' procedimenti kriminali kontra l-istess operatur.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-mod kif gie kondott il-*post VRT* mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata jippekka f'diversi aspetti u kwindi l-istess Awtorita` ma setghetx timponi punti ta' penali meta t-test ma kienx kondott bl-istess rigorozita` li hi tesigi mill-operaturi tal-VRT stations. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-avviz mahrug mill-Awtorita` intimata datat 5 ta' Ottubru 2012 ghandu jigi revokat.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u l-ewwel aggravju tar-rikorrent, jilqa' l-appell tar-rikorrent in kwantu jirrigwarda it-tieni aggravju tieghu u konsegwentement ihassar id-decizjoni moghtija mill-Awtorita` intimata fil-5 ta' Ottubru 2012 fil-konfont tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------